# L-Għarqa tal-HMS Breaconshire f'Birżebbuġa

*75 Sena mill-ġrajja tal-Internati u dan il-Bastiment*

**Max Farrugia Dip LIS.**

### It-Tieni Gwerra u l-Internati

Malli faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija, minkejja li Malta ma daħlitx fil-gwerra mill-ewwel, 79 individwu barrani minn diversi partijiet tal-Ewropa ġew internati fit-3 ta' Settembru tal-1939. Ma' dawn kien hemm wieħed Malti li kellu ċittadinanza Ġermaniża. Imbagħad kien proprju lejn nofs Mejju tas-sena ta' wara, meta l-Italja daħlet fil-gwerra u numru konsiderevoli ta' Maltin spiċċaw internati b'xi wħud minnhom aktar 'il quddiem anki eżiljati barra minn Malta fejn intbagħtu l-Uganda illegalment. B'kollox kien hemm xejn inqas minn 89 Malti, li spiċċaw internati. Barra dawn kien hemm ukoll 21 mara barranija li kienu jaħdmu hawn Malta. Ta' min jgħid li għerixen ta' Taljani li kienu hawn Malta kienu nġabru kollha u ntbagħtu lura lejn pajjiżhom.

Għall-ewwel l-internati rġiel kienu jinżammu kollha fil-fortizza tas-Salvatur fil-Kottonera, filwaqt li l-barranin kienu fil-ħabs militari ta' Kordin li dak iż-żmien ma kienx qed jintuża. Minhabba l-attakki kontinwi fuq il-port, u anki minħabba l-ħsara li saret, il-fortizza tas-Salvatur, wara ftit ġranet, l-internati tmexxew għall-ħabs ċivili ta' Raħal Ġdid. Din id-deċiżjoni kienet tikser il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar il-priġunieri tal-Gwerra u l-internati. Wara protesti mill-internati, il-biċċa l-kbira tagħhom spiċċaw fil-kunvent ta' Sant'Agata tar-Rabat, u għal ħinijiet twal kienu jkunu fil-katakombi Ruman li hemm viċin dan il-kunvent sabiex jistkennu mill-bombi tal-għadu.

Forst l-internati nafu li kien hemm individwi minn kull klassi tal-ħajja, fosthom kien hemm Prim Imħallef; Ex-Prim Ministru; professuri tal-Università; ġurnalisti; saċerdoti; ħaddiema tat-tarzna u individwi oħra. Aktar min-nofs dawn l-internati ġew meħlusa wara li deheru quddiem kummissjoni apposta li investigat il-każ tagħhom imma xorta kienu tpoġġew taħt ċerta kundizzjonijiet. Il-kumplament inżammu kollha fl-internament sakemm proprju fl-10 ta' Frar tal-1942, ġew eżiljati lejn l-Uganda fejn tħallew sakemm ġiet fi tmiemha l-gwerra. Meta tħabbar l-eżilju ta' dawn it-43 Malti, l-avukati tagħhom ippreżentaw kawża l-Qorti, liema kawża huma rebħu. Il-Gvern Kolonjali minflok m'appella din is-sentenza pprefera jgħaddi liġi sabiex ikun jista' jeħles minnhom minn Malta. Din il-liġi ġiet ikkontestata fil-Qrati Maltin, iżda minkejja dan, l-awtoritajiet kienu, mingħajr ma infurmaw il-Qorti, bdew il-proċess tal-eżilju, tant li meta kellhom jidhru l-Qorti l-imħallef ġie nfurmat li kienu diġà jinsabu fuq il-baħar. Il-każ li dawn ġew eżiljati illegalment inqata' meta diġà kienu l-Uganda, imma mbagħad xorta tħallew hemmhekk.



HMS Breaconshire fil-Port il-Kbir.

Jiġu eżiljati lejn il-vjaġġ beda propju mill-Kunvent ta' Sant'Agata fit-13 ta' Frar 1942, minn fejn tgħabbew fuq numru ta' karrozzi tal-linja mgħassa sewwa minn kontinġent ta' pulizija u ttieħdu lejn ix-xatt tal-Belt fejn kien hemm il-vapur tal-merkanzija, l-HMS Breaconshire jistenna biex jitgħabbew fuqu.

Il-vjaġġ li l-internati ġew imġiegħla jagħmlu biex ikunu deportati kien wieħed perikoluż, twil u mimli ansjetà sakemm waslu fid-destinazzjoni aħħarija jiġifieri l-Uganda. Dawn kellhom iqattgħu diversi ġranet f'numru ta' pajjiżi differenti jistennew l-ordnijiet biex ikunu jistgħu jkomplu bil-vjaġġ. Dan kien vjaġġ ta' eluf ta' kilometri, parti minnu fuq il-baħar ġo stiva ta' vapur armat għall-gwerra; fuq trakkijiet tal-militar; fuq ferrovija li qasmet id-deżert; fuq branek li kienu miġbuda matul il-kanali tal-ilma u tax-xmajjar. Tista' tgħid li kien vjaġġ li kien fih minn kollox.

### Mill-Kunvent ta' Sant'Agata fir-Rabat għal fuq il-Bastiment HMS Breaconshire fix-Xatt ta' Parlatorio fl-Isla.

Il-vjaġġ beda l-Ġimgħa 13 ta' Frar 1942 wara nofsinhar. Filgħodu ngħataw il-permess li jiltaqgħu mal-qraba tagħhom wara li l-kappillan tal-kamp tal-konċentrament iċċelebra quddiesa. Il-qraba u l-ħbieb tal-internati kienu għal ħin twil spiċċaw jinsulentaw lill-uffiċċjali għal dan il-pass li ttieħed. Fost dawn kien hemm il-kmandant tal-Kamp il-Maġġur Walter Bonello u l-ajjutant tiegħu, is-sur J. N. Nunns. Il-pulizija bdiet il-ħin kollu tipprova żżomm il-kalma. Dakinhar fil-knejjes kollha ta' Malta u Għawdex sar talb għall-bżonnijiet tal-internati. Qabel telqu mill-Kunvent ta' Sant'Agata l-internati ġew infurmati li kienu se jittieħdu l-Afrika.

L-ewwel parti tal-vjaġġ kienet se ssir permess tal-bastiment H. M. S. Breaconshire li kien vapur tal-merkanzija armata. Kull internat ġie mitlub li jiffirma dokument li kien jgħid li huma se jaqsmu lejn l-Eġittu. Huma ntalbu biex jagħtu l-kelma tagħhom biex matul il-vjaġġ ma jagħmlu xejn la biex jipperikolaw il-vapur; la jweġġgħu lil xi ħadd minn fuq il-vapur; la jagħmlu ebda sinjal jew inkella juru xi dawl bil-lejl; u finalment ma jippruvawx jaħarbu. Dan id-dokument kien jispjega s-setgħa li l-liġi kienet tagħti lill-Gvernatur, liema liġi fil-Qorti ġiet wara ddikjarata nulla! Bażikament, f'dan id-dokument li kellhom jiffirmaw l-internati kien hemm spjegat li l-Gvernatur William Dobbie kien qed jordna li dawn il-persuni kollha msemmija biex jitneħħew minn Malta u jintbagħtu l-Uganda. Din l-ordni kienet iġġib id-data tal-ġurnata ta' qabel.

Malli waslu fix-xatt ta' Parlatorio fl-Isla, nhar it-13 ta' Frar 1942, jingħad li kienet ġurnata oħra fejn il-ħbit mill-ajru ma qata' xejn. Skont ir-rapport tal-ARP bejn id-9:30am u s-1:30am tal-għada 14 ta' Frar, b'kollox kien hemm disa' twissijiet ta' ħbit mill-ajru. Sitta minn dawn seħħew minn xħin l-internati ħallew Sant'Agata sakemm kienu diġa fuq il-bahar lejn l-Eġittu. Il-vjaġġ kollu, sakemm waslu l-Uganda f'Mejju 1942 kien wieħed skabruż ħafna, tant li matul il-vjaġġ kien hemm xi wħud mill-internati li mardu u ttieħdu anki l-isptar.

Sir Arturo Mercieca, fid-djarju tiegħu jikteb li l-vapur kien għadu fil-port ta' Malta meta sar attakk aħrax fuqu. Waqt li huma kienu fl-istiva, kienu jistgħu jisimgħu l-ibbumbardjar tal-kanuni. Kien biss għall-ħabta tas-7. 00pm li seta' jsalpa baxx baxx 'il barra mill-Port il-Kbir. Huwa jkompli jgħid li l-Breaconshire beda jqarreb lejn id-

destinazzjoni tiegħu, dik tal-Lixandra fl-Eġittu, fis-16 ta' Frar 1942, jumejn wara li telaq minn Malta. Matul dan il-vjaġġ fil-Mediterran, fir-rapport uffiċċjali li nkiteb dwaru, liema dokument insibuh fl-arkivju Ingliż, jgħid li l-vjaġġ ME10 li kien telaq minn Malta kellu numru ta' attakki moderati imma intensiv matul l-ewwel jum u dawn kienu intensifikaw meta kienu ltaqgħu ma' Konvoj ieħor bl-isem ta' MW9, liema konvoj kien telaq mill-Lixandra lejn Malta. Ir-rapport jgħid li l-Breocnshire ma sofra l-ebda ħsara. Il-vapuri li kienu qed jakkumpanjaw lill-Breaconshire matul dan il-vjaġġ kienu l-*Lively, Siklu* u z-*Zulu.*

### L-Għarqa tal-Breaconshire f'Birżebbuġa f'Operazzjoni oħra

L-aħħar vjaġġ li għamel il-Breaconshire bejn Malta u l-Eġittu u viċi-versa, li kienet ir-rotta prinċipali li kien jopera fuqha sabiex ikun jista' jġib il-merkanzija ġenerali fuqu kien il-vjaġġ ta' Marzu tal-1942 minn Lixandra. Wara li wassal lill-internati lejn l-eżilju, kien



HMS Breaconshire qed jittella' mill-qiegħ tal-baħar fil-Port ta' Marsaxlokk viċin ħafna ta' Birżebbuġa.

ħalla l-Eġittu mgħobbi b'merkanzija tant importanti għal Malta li kienet tikkonsisti f'ikel, żjut u anki munizzjon. Matul il-vjaġġ huwa safà attakkat bla ħniena kemm mill-ajru kif ukoll minn fuq il-baħar, u spiċċa f'qagħda li ma jistax ikompli l-vjaġġ tiegħu lejn Malta, meta kien biss xi ħames kilometri 'l barra mill-Ponta taż-Żonqor f'Wied il-Għajn. L-ewwel għajnuna kienet ingħatat mill-*Cruiser Penelope* sakemm wasal fuq il-post il-vapur tal-irmonk *Ancient,* li rmunkah ftit 'il barra mill-Bajja ta' bejn Marsaxlokk u Birżebbuġa. Il-Luftwaffe Ġermaniża skoprew fejn kien marbut il-Breaconshire u reġa' safà attakkat bla ħniena għal ħin twil. Dan il-bastiment ħa n-nar u baqa' jaqbad sakemm għereq il-ġurnata ta' wara. Qabel ma għereq fis-27 ta' Marzu 1942 kienet bdiet operazzjoni intensiva ħafna sabiex minn fuqu tiġi salvata kemm jista' jkun merkanzija. Fost il-kunsinna li kellu fuqu kien hemm bombi ta' qisien differenti, qamħ u madwar 5000 tunnellata żjut. Il-biċċa l-kbira taż-żejt li ġie salvat kien intuża għall-Power Stations tal-Marsa u dik tal-Militar ġo Kordin. Madwar 1000 tunnellata żejt oħra kienu ntużaw mill-*Penelope,* biex wara saru tiswijiet temporanji ta' toqob fuqu u b'hekk dan il-bastiment reġa' kellu s-setgħa li jsalpa lejn Ġibiltà.

Hemm kienet spiċċat l-avventura tal-Breaconshire, li għamel xejn inqas minn 10 vjaġġi bejn Malta u l-Eġittu sabiex iwassal il-merkanzija tant meħtieġa għall-Gżejjer tagħna matul il-gwerra. Interessanti huwa l-fatt li xi individwi minn Birżebbuġa ta' spiss kienu jinżlu jgħoddsu fuq dan il-vapur u minnu jtellgħu xi affarijiet tal-ikel li kien hemm fuqu. Sabiex iżommu lil dawn in-nies 'il bogħod minn dan il-vapur l-awtoritajiet kienu jgħidu lin-nies li fuq il-vapur kien hemm qarnita kbira u perikoluża ħafna għan-nies. Minkejja dan kollu xorta waħda kien hemm min kien imur jgħodds għal dan il-vapur. Għal ħafna snin dan il-vapur kien tħalla fil-bajja b'parti minnu tidher 'il fuq mill-ilma. Kien wara li ġiet fi tmiemha l-gwerra, bħalma sar fuq bastimenti oħra, li dan il-vapur kien ittella' u tneħħa minn din il-bajja u spiċċa mibjugħ għall-ħadid u fl-istess ħin tneħħa l-periklu li kien hemm għall-vapuri oħra.

Is-Soċjetà tirringrazzja lil dawk kollha li matul din is-sena għenu jew ikkontribwew biex jiġu ċċelebrati bl-aqwa mod il-festi tal-1950 Anniversarju mill-Martirju ta' San Pietru kif ukoll id-diversi anniversarji importanti li kellha l-parroċċa tagħna. Is-Soċjetà tirringrazzja lill-Kappillan il-Kan. Dun Anton Galea Scannura tal-festi speċjali li organizza fil-parroċċa tagħna biex jiġu ċċelebrati kif jixraq dawn l-anniversarji kollha, speċjalment il-ġimgħa ta' ċelebrazzjonijiet ta' qabel id-29 ta' Ġunju 2017, il-festa tal-Martirju ta' San Pietru u San Pawl.




